*F'għeluq l-erbgħin sena mill-mewt*

# L-Isqof Emanuele Galea

## Min kien

Irċevejt żewġ sagramenti minn għand l-Isqof Mons. Emanuele Galea (1891 – 1874). L-ewwel il-Griżma tal-Isqof fil-qilla tal-gwerra, 19 ta' Ġunju 1943. L-għada ħadna l-Ewwel Tqarbina. Aħna u ħerġin mill-knisja, b'xorti li ma kienx hemm xi *air raid*, f'dik l-istess pjazza tar-Raħal Ġdid għadda ir-Re Ġorġ VI fi triqtu lejn it-Tarzna li dak iż-żmien kienet l-ikbar industrija ta' Malta. Kien għad ma kellix seba' snin u riduni nieħu l-Griżma tal-Isqof u f'Diċembru nagħmel l-prietka tal-Milied. Niftakarhom jgħidu li meta qalu lill-Isqof Galea, għax kien qabel iż-żmien, qalilhom "Il-qattusa għaġġelija tagħmel lil uliedha għomja".



Dun Manwel Galea, saċerdot żagħżugħ

Id-darba l-oħra kienet f'Diċembru 1961 meta ħadna, minn idejn l-Isqof Galea, id-Djakonat. Biex ma ordnaniex l-Arċisqof, tassew ma kienx jista'! Mons. Galea kien ilu Isqof Awżiljarju u Vigarju Ġenerali mill-1942 meta l-Arċisqof Dom Mauro Caruana OSB kien talab lill-Papa Piju XII u rrikmandahulu għal dik il-kariga. Mons. Caruana kien marid u miet f'Diċembru tas-sena ta' wara. Għall-konsagrazzjoni tal-Isqof Galea ma kienx possibbli jsibu isqof konċelebrant mal-Arċisqof Caruana u l-Isqof Gonzi. Talbu għalhekk li joqgħod l-Arċidjaknu, Mons. Giuseppe Apap Bologna. Il-konċelebranti m'humiex neċessarji għall-validità. Wara Mons. Caruana ġie nominat Arċisqof dak li s'issa kien Isqof ta' Għawdex, Mons. Mikiel Gonzi, li sar ukoll Metropolita. Tista' tgħid li Gonzi kien l-ewwel Arċisqof ta' Malta. Mons Caruana kien Isqof ta' Malta b'titlu personali ta' Arċisqof. Mons. Galea sar issa Awżiljarju u Vigarju Ġenerali mal-Arċisqof Gonzi, kif baqa' sal-mewt.

## Ragħaj twajjeb u għaref

Għal dawk is-snin kollha meta tgħid "l-Isqof Galea" kien ifisser missier u kumpann ta' kull min kien fil-bżonn, speċjalment fost il-kleru li kien ħafna iktar numeruż mil-lum. Huwa veru li l-Arċisqof kien preżenti, tista' tgħid, kullimkien u f'kollox u kien jilqa' n-nies fil-ħin stabilit tal-Kurja u anki qablu u warajh. Imma meta trid tieħu permess jew parir, ħafna drabi, l-mod naturali kien li tmur għand l-Isqof Galea. Il-kleru, spiss, kien jinqeda bit-telefon. Hu kien bniedem għaref u qaddis. Aktarx li ma jgħidx kelma żejda. Meta jtik risposta, jekk terġa ssaqsieh, jerġa jgħidlek l-istess ħaġa. Jekk tmur tkellmu u ddum iż-żejjed u tirripeti bla bżonn, bħalma ġie li jiġri, il-Vigarju kien jieħu karta anki diġà miktuba, u jibda jħażżez fuqha, ipinġi xi siġra eċċ. Aktarx iħallik u ma jgħidlek xejn, sakemm tinduna.

L-Isqof Galea kien jipprietka ħafna. Ipprietka fil-knejjes kollha ta' Malta. Il-prietki tiegħu kienu sempliċi, qosra u dejjem b'ħafna sustanza. Ipprietka ħafna eżerċizzi tar-Randan, fosthom meta kienet issir dik li kienu jgħidulha disputa. Barra mill-pulptu kien ikun hemm palk. Fuq il-pupltu jkun hemm saċerdot u fuq il-palk ikun hemm ieħor. L-Isqof Galea kien ikun dak li jirrispondi għall-mistoqsijiet li jagħmillu dak ta' fuq il-pulptu. Il-prietki tiegħu kienu eżempju għas-saċerdoti kollha, l-iktar għax kienu sempliċi u qosra.

**Jikkomunika bis-sempliċità**

Imbagħad Mons. Galea kien jikteb spiss l-iktar fuq *Leħen is-Sewwa*. Kienu kitbiet ta' tagħlim. Il-kitbiet tiegħu stampawhom fi ktieb "Frak tad-Deheb". Kien tajjeb ħafna biex jikteb serje ta' artikoletti sempliċi. Darba, per eżempju, kiteb serje fuq it-titoli kollha tal-Madonna fil-Litanija tagħha li dak iż-żmien aktarx li kulħadd kien jafha bil-Latin. Meta bdiet it-televiżjoni bil-Malti fl-1962 kien mistieden minn tal-ewwel biex jitkellem fuq it-TV. Kien hemm regoli xi ftit stretti għal min jitkellem. Ħadd ma kellu esperjenza. Meta qalulu jitkellem fuq suġġett tawh ukoll il-ħin bil-minuti. Għalih kien ħafif jitkellem fil-qosor. Bħal kulħadd kien ukoll kiteb dak li kellu jgħid u dam eżatt kemm qalulu. L-inkarigati tat-TV indunaw li kellu diversi espressjonijiet b'sinjal taħthom. Meta staqsewh għaliex, qalilhom li kien ikalkola kemm se jdun u jekk jitolbuh inqas kien jaqta' il-kliem b'sinjal taħthom. Il-kap tal-kumpanija tat-TV, dak iż-żmien Hamilton Hill, qallu bi stagħġib "Your Lordship!" bħal biex jgħidlu li kien preċiż wisq.

L-Isqof Galea kellu sens ta' umoriżmu ħelu u sempliċi. Jgħidu li meta sar isqof fl-1942, iż-Żejtun fejn kien joqgħod, probabbilment fid-*Domus*, għamlulu laqgħa u qalilhom biex ma jġibuhiex bi kbira: "Kontu taraw ċombin bl-iswed, issa qed tarawh bl-aħmar!" Forsi qal hekk anke għax kien ta' statura żgħira. Darb'oħra, niftakar li ġie s-Seminarju. Mort nilqgħu u qalli: "Is-soltu jkolli kappa, kappell u kappillan. Illum għandi kappa u kappell!" Okkażjoni oħra kienet ma' San Ġorġ Preca. L-Arċisqof bagħat għal Dun Ġorġ u qallu li l-Papa kien għamlu Monsinjur. Dun Ġorġ qallu: "Qed issewwidli qalbi". Qabeż l-Isqof Galea u qal lil Dun Ġorġ: "Qed iħammarhielek!"



***Ritratt meħud fil-bitħa tal-Kurja ta' Għawdex nhar is-17 ta' Diċembru 1944. Bilqiegħda mix-xellug: Mons. Richard Fitzgerald, Isqof ta' Ġibiltà, Mons. Mikiel Gonzi, Arċisqof ta' Malta, Mons Ġużeppi Paci, Isqof ta' Għawdex, u Mons. Emmanuel Galea, Isqof Awżiljarju u Vigarju Ġenerali ta' Malta. Bilwieqfa mix-xellug: Dun Edward Bondin, kappillan tal-Isqof Pace, Dun Ġwann Vella Galea, kappillan ta' Mons. Arċisqof, Dun Salv Tabone, Professur fis-Seminarju ta' Għawdex, u Dun Ġużepp Minuti, kappillan tal-Isqof Galea.***

## Il-wirt tiegħu

Il-wirt spiritwali tal-Isqof Emanuele Galea hu immens. Għallimna ħafna. Kien preċiż f'kollox. Mingħajr ebda ħoss ta' xejn kien eżempju għal kulħadd. Ħafna jiftakruh iż-Żejtun iqarar b'regolarità kbira, speċjalment nhar ta' Sibt, lit-tfal. Dejjem issibu f'ħinu u f'waqtu. Kien hemm min innota li anki f'mewtu kien preċiż. Miet kważi f'daqqa wara li ċċelebra l-festa ta' Santa Marija Ħad-Dingli fl-1974, sewwa sew, kif kien ser jiġi ordnat isqof Mons. Ġużeppi Mercieca li, sakemm sar arċisqof, kien isqof awżiljarju warajh.

***Mons. Lawrence Gatt***



L-Isqof Emmanuel Galea waqt wieħed mid-diskorsi tiegħu

L-aħwa l-Kan. Dun Franġisk Galea u Mons. Isqof Emmanuel Galea jifirħu b'xulxin nhar it-8 ta' Settembru 1967 qabel Pontifikal solenni fil-Bażilika tal-Isla fl-okkażjoni tal-Ġublew tal-fidda tal-Konsagrazzjoni Episkopali. Flimkien magħhom jidhru l-Kan. Dun Ġużepp Attard u Dun Karm Bonavia

